MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 40/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Annise Bejaoui**
**ID-387889(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (€738.36c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni kont numru *454814* moghti mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta' li tipprezenta tali risposta wara li kien skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (€738.36c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------